**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Amsterdam – il-Pajjiżi l-Baxxi) – L-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra Paweł Dworzecki**

**(Kawża C-108/16 PPU)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI — Mandat ta' arrest Ewropew — Artikolu 4a(1) — Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri — Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni — Raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni — Eċċezzjonijiet — Eżekuzzjoni obbligatorja — Sentenza mogħtija f'kontumaċja — Kunċetti ta' "taħrika ta' persuna" u ta' "notifika uffiċjali b'mezzi oħra" — Kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni)***

(2016/C 260/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank Amsterdam

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Paweł Dworzecki

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 4a(1)(a)(i) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjonijiet "ikkonvokata personalment" u kif ukoll "b'mezzi oħra fil-fatt irċeviet informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati ta' dik il-kawża b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-kawża skedata", li jinsabu f'din id-dispożizzjoni, huma kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni u għandhom ikollhom interpretazzjoni uniformi fl-Unjoni kollha.*

2) *L-Artikolu 4a(1)(a)(i) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584 kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma tissodisfax waħedha l-kundizzjonijiet f'din id-dispożizzjoni, taħrika, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġiet notifikata mhux direttament lill-persuna kkonċernata iżda ġiet ikkonsenjata, fl-indirizz ta' dan tal-aħħar, f'idejn persuna adulta residenti fid-dar tagħha li impenjat ruħha li tikkonsenjaha lilha, mingħajr ma l-mandat ta' arrest Ewropew jippermetti li jiġi żgurat jekk u, f'dan il-każ, meta din il-persuna adulta effettivament ikkonsenjat din it-taħrika lill-persuna kkonċernata.*

[1] ĠU C 156, 02.05.2016.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-23 ta' Marzu 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour administrative d'appel de Paris – Franza) – Overseas Financial Limited, Oaktree Finance Limited vs Ministre de l'Économie, de l'Industrie et du Numérique**

**(Kawża C-319/15)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)***

(2016/C 260/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour administrative d'appel de Paris